## *WARA ELFEJN SENA*

*Fil-ħemda tal-Ġetsemani,*
*F'misteru ta' bil-lejl*
*Kien waħdu*
*Waħdu*
*Waħdu*
*Qed jitlob il-Feddej:*

*Ma sabx min jisħar miegħu*
*U jaqsam id-dieq tiegħu*
*'Ma waħdu*
*Waħdu*
*Waħdu*
*Beka bid-dmugħ tad-demm*
*Xħin lemaħ it-traġedja*
*Ta' Ġerusalemm.*

*U 'l Kristu qatluh:*
*W elfejn sena wara*
*Aħn'għadna nsallbuh.*

4/iii/54 R. Briffa.

## ~~TIĠRIB......~~

~~*Ħajti għextha darbtejn: niftakar darba*~~
~~*Ruħi jassartha taħt saltnet il-ħjiena*~~
~~*U l-hena mħollma bi ġwenħajn għajjiena*~~
~~*Ħassritli qalbi u nisslitli karba.*~~

~~*Garrabt il-benna tal-ġibdiet imwarrba*~~
~~*Mis-safa tat-tjubija, heġġa qalbiena*~~
~~*Tkebbes u tixgħel is-sigħat ta' żmienha*~~
~~*Fis-serħ imxaħxħa tal-ħlewwiet imġarrba.*~~

~~*Illum qalbi titriegħex ġewwa fija*~~
~~*Għaż-żmien li ħlejt imtajjar wara l-bluha,*~~
~~*Nixxiegħa mhux ta' ferħ 'ma t'hemm u ħtija.*~~

~~*U nibki ż-żmien meta taħt star il-frugħa*~~
~~*Ċħadt lili nnifsi l-għasel tat-thennija*~~
~~*Li r-ruħ safja bla semm tilma żagħżugħa.*~~

~~16/x/54.~~ ~~C. Cassar.~~